## 11 ta' Jannar 1957

## Imħallef:—

## Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

**Frank Gulia et. *versus* Don Giuseppe Maria Mizzi**

## Legat Konguntiv ta' Użufrutt — Akkrexximent — Art. 775, 776 u 419 tal-Kodiċi Ċivili

*L-użufrutt magħmul favur żewġ persuni jew iżjed flimkien ma jispiċċax ħlief bil-mewt tal-persuna li tmut l-aħħar; u s-sehem ta' kull waħda minn dawn il-persuni li tmut qabel l-oħrajn jiżdied mal-ishma ta' dawk li jibqgħu ħajjin; u l-istituzzjoni ta' eredi jew il-legat jitqiesu li ġew imħollija lill-werrieta jew legatarji flimkien, meta jiddependu mill-istess dispożizzjoni u t-testatur ma jkunx qassam is-sehem ta' kull werriet jew legatarju fil-wirt jew fil-ħaġa mħollija legat.*

*Jiġifieri illi, biex jingħata l-akkrexximent, hemm bżonn li jkun hemm żewġ legatarji jew iżjed, li l-porzjon vakanti ma tkunx ġiet devoluta lil persuni oħrajn vokati espressament (bħal fil-każ ta' sostituzzjoni volgari espressa), jew taċitament (bħal fil-każ tar-rappreżentazzjoni legali), u fl-aħħarnett illi din il-vokazzjoni tkun konġuntiva f'dispożizzjoni waħda u mingħajr assenjazzjoni ta' ishma; u minn dana l-mod ta' vokazzjoni tiġi, skond il-liġi, argumentata l-volontà tat-testatur, li fuqha jinsab bażat id-dritt tal-akkrexximent.*

*Fil-każ preżenti, it-testariċi kienet ħalliet legat ta' użufrutt konsistenti f'somma ta' flus kull sena lill-bintha, tul ħajjitha, b'dan illi wara mewtha, l-istess somma ta' flus ta' kull sena tiġi konsegwita konġuntament minn żewġ ulied tal-legatarja oriġinarja; u l-Qorti ddeċi-*

***diet illi wara l-mewt ta' waħda miż-żewġ ulied tal-legatarja originarja, is-sehem ta' din akkrexxa favur l-iben l-ieħor tal-legatarja originarja li baqa' ħaj wara oħtu.***

**Il-Qorti;**—Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi b'testment fl-atti tan-Nutar Salvatore Cauchi taż-17 ta' Mejju 1900 (dok. A), Giulia armla tal-Professur Dr. Gavino Gulia, awtriċi tal-atturi, fit-tieni paragrafu ħalliet legat ta' £10 fis-sena lil Carmela Mizzi għal żmien ħajjitha kollha, u wara mewtha l-istess legat kellu jiġi konsegwit annwalment u konġuntivament minn uliedha, il-konvenut Don Giuseppe Maria Mizzi u oħtu Maria Antonia, sal-mewt tagħhom; billi fis-sena 1955 l-imsemmija Maria Antonia Mizzi mietet; u l-konvenut qiegħed jippretendi illi sehemha għandu jakkrexxi l-kwota tiegħu; talbu li jiġi dikjarat u deċiż minn dina l-Qorti li l-kwota mill-imsemmi legat li kienet tispetta lill-mejta Maria Antonia Mizzi ma għandhiex takkrexxi l-kwota tal-istess konvenut. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Illi l-kwistjoni unika f'din il-kawża tirrigwarda l-interpretazzjoni tat-tieni artikolu tat-testment magħmul minn Giulia armla mill-Professur Gavino Gulia fiż-17 ta' Mejju 1900, li kopja tiegħu tinsab eżibita fil-fol. 4 et. seq. tal-proċess. F'dak l-artikolu t-testatriċi ħalliet lil Carmela Mizzi, omm il-konvenut, legat ta' £10, "da essere percepite annualmente per tutto il corso della di lei vita dalla rendita del luogo di case in Cospicua, Strada Santa Margherita, nri. 13 e 14"; u wara l-mewt tal-imsemmija legatarja t-testatriċi ordnat "che le dette lire sterline dieci vengano conseguite annualmente e congiuntamente da Giuseppe Maria e Maria Antonia, comuni figli di detta Carmela e Pietro Mizzi, cui essa testatrice lascia dette lire dieci in titolo di legato dalla morte di detta loro madre fino al punto estremo di loro vita";

Illi ma hemmx kwistjoni bejn il-kontendenti li fis-sena 1955 l-imsemmija legatarja Maria Antonia Mizzi mietet; iżda hemm kwistjoni dwar dak li għandu jsir mill-kwota tagħha tal-imsemmi legat. L-atturi jippretendu li din il-kwota ma għandhiex takkrexxi mal-kwota tal-konvenut, mentri l-konvenut isostni li hu għandu favur tiegħu dan l-akkreximent;

Illi, kif jiddisponi l-art. 419 tal-Kodiċi Ċivili, l-użufrutt magħmul favur żewġ persuni jew iżjed flimkien, skond l-art. 775 u 776, ma jispiċċax ħlief bil-mewt tal-persuna li tmut l-aħħar, u s-sehem ta' kull waħda minn dawn il-persuni li tmut qabel l-oħrajn jiżdied mal-ishma ta' dawk li jibqgħu ħajjin. Issa, skond l-art. 775 (1) tal-Kodiċi ċitat, "l-istituzzjoni jew il-legat jitqiesu li ġew imħollija lill-werrieta jew legatarji flimkien ("congiuntamente" skond il-lokuzzjoni tal-art. 436 tal-Ord. VII tal-1868), meta jiddependu mill-istess dispożizzjoni u t-testatur ma ikunx qassam is-sehem ta' kull werriet jew legatarju fil-wirt jew fil-ħaġa mħollija legat". Fi kliem ieħor, biex jingħata l-akkreximent hemm bżonn li jkun hemm żewġ legatarji jew iżjed, li l-porzjon vakanti ma tkunx ġiet devoluta lil persuni oħrajn vokati espressament (bħal fil-każ ta' sostituzzjoni volgari espressa), jew taċitament (bħal fil-każ tar-rappreżentazzjoni legali), u fl-aħħarnett illi din l-vokazzjoni tkun konġuntiva f'dispożizzjoni waħda u mingħajr assenjazzjoni ta' ishma; u minn dana l-mod ta' vokazzjoni tiġi, skond il-liġi, argumentata l-volontà tat-testatur, li fuqha jinsab bażat id-dritt tal-akkrexximent;

Illi, meta wieħed jeżamina l-art. 2 tat-testment fuq miġjub, isib li fih javveraw ruħhom l-elementi fuq elenkati; u għalhekk hemm lok għall-akkreximent favur il-konvenut tal-kwota tal-legat ġà perċepita minn oħtu Maria Antonia sal-mewt tagħha; b'mod illi l-konvenut, minn dak inhar, għandu d-dritt jikkonsegwixxi l-legat kollu ta' £10 fis-sena sal-mewt tiegħu;

Illi xejn ma jiswa l-argument li l-atturi jridu jiġbdu mill-art. 9 tat-testment preċedenti tal-istess testatriċi tal-5 ta' Mejju 1898 (fol. 18), għaliex id-dispożizzjoni in diżamina hija ċara biżżejjed u ma tħallix, skond il-liġi, ebda dubju fuq l-interpretazzjoni tagħha; u għalhekk mhux leċitu li wieħed jirrikorri għal testmenti oħra, imma l-interpreti għandu jiddeżumi s-sens tad-dispożizzjoni mit-testment li fih tinsab (Kollez. XXXI-i-49);

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad id-domanda tal-atturi; bl-ispejjeż kontra tagħhom.